**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 519/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**-Vs-**

**CHRISTOPHER AQUILINA**
**RENALD AQUILINA**

**Illum, 6 ta' Novembru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputati **CHRISTOPHER AQUILINA** detentur tal-karta tal-identita` numru 440077M, u **RENALD AQUILINA** detentur tal-karta tal-identita` numru 167796M, tressqu quddiemha akkuzati talli nhar is-17 ta' Mejju 2019 ghall-habta tat-8.15 ta' filghodu fi Triq Katidral, tas-Sliema:

1. Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqeghdu il-hajja ta' Johan-Giovanni Attard f'periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Johan-Giovanni Attard, skont kif iccertifikat Dr. Yanika Stafrace numru ta' registrazzjoni 6019 tal-isptar Mater Dei.

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Ottubru 2019, l-Ufficjal Prosekutur qara u halef l-akkuza bil-gurament, u sar l-ezami tal-imputati li entrambi wiegbu li m'humiex hatja;

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Novembru 2019, l-imputati rregistraw ammissjoni u ddikjaraw li huma hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom;

Rat illi l-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu 9, meta wissiet lill-imputati bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni taghhom;

Semghet liz-zewg imputati jikkonfermaw l-ammissjoni tal-htija taghhom anke wara illi tathom zmien biex jirrikonsidraw din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jergghu jikkonsultaw mad-difensur taghhom, kif ukoll wara li l-Qorti spjegatilhom il-piena erogabbli ghar-reat li jinsabu mixlijin bih;

Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Jonathan Ransley u ta' WPS 315 Valerie Mifsud fl-istess udjenza tal-10 ta' Ottubru 2019;

Semghet ix-xhieda tal-parte civile Johan-Giovanni Attard fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2019;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fl-atti;

Rat il-provi u l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi z-zewg imputati fis-6 ta' Novembru 2019, wara li l-Qorti kienet diga` lahqet semghet ix-xhieda tal-Ufficjal Prosektur u tal-ufficjal tal-Pulizija li kienet irrikorriet fuq il-post fejn kien ghadu kif sehh l-incident mertu tal-imputazzjoni odjerna, ammettew ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom u ghaldaqstant, in vista ta' din l-ammissjoni li del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur taz-zewg imputati u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) u 453(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront taz-zewg imputati giet debitament ippruvata u b'hekk l-imputati ghandu jinsabu entrambi hatjin tal-istess imputazzjoni cioe` illi kkagunaw ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Johan-Giovanni Attard.

Ghall-fini tal-piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti fuq dikjarazzjoni ta' htija tal-imputat, il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni, inkluz il-fatt illi l-ammissjoni saret fi stadju bikri tal-kumpilazzjoni izda wara li kienu lahqu xehdu zewg xhieda in konnessjoni ma' dan l-incident.

Tosserva wkoll illi l-parte civile Johan-Giovanni Attard waqt l-udjenza tal-lum 6 ta' Novembru 2019, iddikjara tramite l-avukat difensur tieghu illi llum il-gurnata il-partijiet irrangaw id-differenzi kollha ta' bejniethom u huwa ma ghandux interess iktar f'din l-azzjoni jew xi pretensjonijiet iktar fil-konfront tal-imputati, liema dikjarazzjoni giet ikkonfermata wkoll fix-xhieda bil-gurament tal-istess parte civile.

Il-Qorti, wara li rat il-*case summary repor*t esebit a fol 6 *et seq*. tal-atti, kontenenti r-rizultanzi tal-ezamijiet medici li gew kondotti gewwa l-Isptar Mater Dei fuq il-persuna ta' Johan-Giovanni Attard bejn is-17 u t-18 ta' Mejju 2019, hija tal-fehma illi ghalkemm minn dan id-dokument jirrizulta illi l-griehi kkagunati mill-imputati jikkonsistu f'feriti fuq wicc l-imsemmi parte civile -

specifikatament f'ghajnu l-leminija u f'imniehru - dawn effettivament ma humiex griehi ta' natura gravi fis-sens imfisser mill-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9. Madanakollu, dawn il-feriti, galadarba jinsabu fuq il-wicc u l-imputati ammettew ghall-akkuza li kkagunaw griehi ta' natura gravi, ghandhom jitqiesu bhala feriti ta' natura gravi ghall-fini tal-Artikolu 216(1)(b).

In konkluzjoni, il-Qorti rat ukoll il-fedina penali tal-imputati li kwantu ghall-imputat Christopher Aquilina, hija kompletament netta u kwantu ghall-imputat Renald Aquilina certament m'hijiex wahda oneruza.

Ghaldaqstant, ghalkemm ghall-imputazzjoni odjerna li taghha l-imputati qed jinsabu hatja, tinghata piena ta' prigunerija minn sena sa seba' snin skont l-Artikolu 216(1) tal-Kapitolu 9, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, mehud qies tal-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula, il-Qorti hija tal-fehma li ma jkunx spedjenti li taghti sentenza li twahhal piena lill-imputati. Minflok, wara li semghet ix-xhieda tal-ufficjali tal-Pulizija li lahqu xehdu f'dawn il-proceduri u wara li rat ir-ritratti esebiti fl-atti u dokumenti ohrajn, li minnhom il-Qorti fehmet li l-agir tal-imputati kien wiehed ferm aggressiv fil-konfront tal-parte civile liema aggressjoni ma tistax tigi mwarrba kif gieb u lahaq, tqis illi jkun spedjenti li l-imputati jitpoggew taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation fl-interess li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra u dan ghall-fini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni l-Qorti ssib lil CHRISTOPHER AQUILINA u lil RENALD AQUILINA hatja tal-imputazzjoni migjuba kontrihom izda, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lil CHRISTOPHER AQUILINA u lil RENALD**

**AQUILINA taht Ordni ta' *Probation* kull wiehed ghal zmien tmintax (18)-il xahar mil-lum, u dan taht il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordnijiet ta' Probation rispettivi moghtija kontestwalment u li jifformaw parti integrali minn din is-sentenza.**

**Il-Qorti fissret lill-ħatjin, bi kliem li huma jifhmu, x'ikun l-effett tal-Ordni u li jekk huma jonqsu milli jikkonformaw ruħhom magħha jew jagħmlu xi reat ieħor, jistghu jingħataw sentenza għar-reat oriġinali, u rat ukoll illi l-ħatjin esprimew ir-rieda taghhom li jikkonformaw mal-ħtiġijiet tal-Ordni ta' *Probation*.**

**Il-Qorti tordna illi din is-sentenza kif ukoll l-Ordni ta' Probation mahrug fil-konfront ta' kull wiehed mill-hatjin, jigu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation.**

**Tordna wkoll ghall-finijiet tal-Artikolu 392A tal-Kodici Kriminali illi kopja tal-atti processwali u ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem tax-xoghol.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**